MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 431/2007

**Salvatore Pisani**

**vs**

**Registratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrent issottometta:

Premessi u Fatti

1) Illi l-attur kien socju flimkien ma’ huh, illum mejjet, Carmelo Pisani, fis-socjeta’ kollettiva Pisani Brothers li kellha numru tar-registrazzjoni P17.

2) Illi l-ahwa Pisani kellhom ishma ndaqs fis-socjeta’ Pisani Brothers.

3) Illi permezz ta’ diversi kuntratti, lis-socjeta’ Pisani Brothers akkwistat propjetajiet immobiljari u dan skond ma’ jirrizulta mill-kuntratti annessi u mmarkati bhala DOK SP1-SP4 kif ukoll mir-ricerki tal-kumpanija li huma annessi bhala DOK SP5.

4) Illi Carmelo Pisani miet nhar it-3 ta’ Marzu 2005 u permezz ta’ testment in atti n-Nutar Dottor Maurice Gambin huwa halla lill-attur, b’titolu ta’ legat in piena u assoluta propjeta’ nofs (1/2) indiviz tan-negozju taghhom gestit taht l-isem Pisani Brothers (Socjeta’ Kollettiva). DOK SP6.

5) Illi wara l-mewt tas-socju Carmelo Pisani ma dahal l-ebda socju iehor u ghalhekk l-attur baqa’ l-uniku socju f’din is-socjeta’.

6) Illi permezz ta’ avviz lir-registratur konvenut datat 24 ta’ Ottubru 2005, l-attur informa lir-registratur konvenut illi s-socjeta’ kollettiva Pisani Brothers giet xolta fit-3 ta’ Marzu 2005 DOK SP7.

7) Illi wara tali avviz, ma giex mahtur likwidatur ta’ l-imsemmija socjeta’.

8) Illi r-registratur intimat ippubblika avviz DOK SP8 sabiex kredituri li jista’ jkollhom interess li jressqu oggezzjoni ghal dan ix-xoljiment, iressquha sa zmien tlett xhur.

9) Illi minkejja li sar tali avviz l-ebda kreditur ma ressaq l-oggezzjoni tieghu u ghalhekk ir-registratur intimat ghadda ghat-thassir mir-registru tal-kumpaniji tas-socjeta’ Pisani Brothers.

10) Illi s-socjeta’ kienet giet debitament likwidata u mhassra mir-registru tal-kumpaniji u dan skond ma’ gie ppubblikat f’avviz kopja tieghu annessa u mmarkata DOK SP9.

11) Illi fir-rizoluzzjoni li biha giet xolta s-socjeta’ Pisani Brothers DOK SP10, ma gewx iddikjarati d-debiti tas-socjeta’ Pisani Brothers dovuti lil Bank of Valletta plc u lanqas ma gew iddikjarati l-propjetajiet immobbli propjeta’ taghha bil-konsegwenza li l-propjeta’ mmobbli tas-socjeta’ Pisani Brothers, m’ghaddietx in segwitu’ ghax-xoljiment taghha ghand l-uniku azzjonista u cioe’ l-attur u ghalhekk, minkejja li din is-socjeta’ giet xolta hija proprjetarja tal-fondi elenkati fid-dokument anness u mmarkat bhala DOK SP11.

12) Illi ghalhekk l-istralc tas-socjeta’ kollettiva Pisani Brothers huwa wiehed ivvizzjat u ghalhekk jehtieg li dan jigi miftuh u dan limitatament sabiex jigi mhallas id-dejn dovut lil-Bank of Valletta plc u tigi trasferita l-propjeta’ mmobbli ndikata hawn fuq a favur ir-rikorrenti.

Talbiet

Ghaldaqstant u in vista ta’ dak hawn fuq premess din l-Onorabbli Qorti hija mitluba:

1) Prevja kull dikjarazzjoni opportuna, tiddikjara li (a) s-socjeta’ kollettiva Pisani Brothers kienet proprjetarja ta’ diversi propjetajiet immobli u (b) li l-istralc tas-socjeta’ Pisani Brothers huwa vvizzjat peress li thallew barra mir-rizoluzzjoni straordinarja l-assi mmobiljari u debiti socjetarji, b’mod li l-istralc huwa nkomplet u ghandu jerga’ jinfetah mill-gdid sabiex jigi debitament kompletat;

2) Taghti kull provvediment opportun sabiex l-attur ikun jista’ jikkompleta l-likwidazzjoni ta’ l-assi socjetarji li thallew barra u ma gewx likwidati skond il-ligi; u

3) Tordna lir-registratur konvenut sabiex jilqa’ dik ir-rizoluzzjoni straordinarja gdida u li biha jigi approvat ir-rendikont u l-progett ta’ tqassim gdid.

Rat ir-**risposta ta' l-intimat** a fol. 108 tal-process fejn eccepixxa:

Illi s-socjeta' f'isem kollettiv bl-isem ta' Pisani Bros (P 17) giet registrata fit-28 ta' April 1965 u kienet iffurmata minn tlett socji; John Pisani, Salvatore Pisani u Carmelo Pisani.

Illi John Pisani u Carmelo Pisani spiccaw milli jkunu socji tas-socjeta' in kwistjoni fid-19 ta' Gunju 1981 u fit-3 ta' Marzu 2005 rispettivament.

Illi ghalhekk fl-24 ta' Ottubru 2005, Saviour Pisani bhala l-uniku socju ffirma notifika tax-xoljiment (Formula B) bid-data tat-3 ta' Marzu 2005 bhala data tax-xoljiment ta' l-istess socjeta'. Din in-notifika giet registrata fid-9 ta' Novembru 2005.

Illi flimkien mal-imsemmija notifika, Saviour Pisani ffirma wkoll dikjarazzjoni fejn ikkonferma illi l-proceduri kollha li kellhom iwasslu ghall-istralc tas-socjeta' in kwistjoni kienu gew finalizzati u konsegwentement ir-Registratur gie mitlub sabiex ihassar l-isem tas-socjeta' minn fuq ir-Registru. Dan minghajr il-bzonn illi jinhatar ghal dan il-ghan.

Illi fit-18 ta' Novembru 2005 gie pubblikat l-avviz tax-xoljiment tas-socjeta' in kwistjoni u peress illi ebda kreditur ma oppona skond il-ligi, wara tlett xhur, u cioe' fit-22 ta' Frar 2006, gie pubblikat l-avviz ta' l-istralc b'effett mit-18 ta' Frar 2006.

Illi in kwantu ghat-talba kif maghmula mir-rikorrent din hija nfondata fid-dritt peress illi s-socjeta' ta' Pisani Bros (P 17) giet xolta u kancellata mir-Registru tas-Socjetajiet skond l-Att dwar il-Kumpaniji 1995. Illi ma hemm l-ebda provvediment fl-istess Att li jipprovdi ghall-ftuh mill-gdid tal-process li wassal ghal l-istralc u ghall-kancellament ta' socjeta' f'isem kollettiv. Dan billi l-Artikolu 300B jipprovdi dan ir-rimedju ghal kumpaniji '*limited liability'* biss minghajr ma jaghmel ebda provvediment simili ghas-socjetajiet f'isem kollettiv.

Illi madanakollu jekk il-Qorti thoss li f'dan il-kaz ghandha taghti xi tip ta' rimedju dan ghandu jigi akkordat biss ghar-ragunijiet u esigenzi ta' gustizzja u pratticita'. Tali rimedju ghandu jkun wiehed eccezzjonali u straordinarju u ghalhekk ghandu jigi espressament deskritt u akkordat bhala tali u b'kundizzjonijiet *ad hoc* sabiex ma jigux pregudikati terzi persuni.

Illi dan ir-rimedju m'ghandux jitqies bhala wiehed li jfejjaq kwalunkwe manifestazzjoni ta' traskuragni jew negligenza kommessi matul l-istralc ta' socjetajiet kummercjali.

Illi f'dan il-kaz billi llum il-gurnata ghad baqa' propjetajiet registrati f'isem is-socjeta' in kwistjoni u in vista tal-fatt illi ghad hemm djun f'isem is-socjeta' favur il-Bank of Valletta li baqghu ma thallsux, ir-Registratur tas-Socjetajiet ma huwiex jikkontesta l-possibbilta' illi jerga' jinfetah mill-gdid il-process li wassal ghal l-istralc tas-socjeta', jekk dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa li ghandha taghti tali rimedju fic-cirkostanzi specjali tal-kaz.

Illi kwalunkwe ftuh ta' dan il-process ghandu jsir biss sabiex ikun jista' jigi konkluz il-bejgh tal-propjetajiet li baqghu registrati fl-isem tas-socjeta' Pisani Bros u sabiex jigi mhallas id-dejn tas-socjeta' favur il-Bank of Valletta u ghall-ebda skop iehor u sussegwentement l-isem tas-socjeta' ghandu jerga' jigi mhassar definittivament minn fuq ir-Registru tas-Socjetajiet minghajr ebda dewmien.

Illi ghalhekk kemm il-darba dina l-Qorti joghgobha taghti dan ir-rimedju eccezzjonali ghandhom jigu stabbiliti perjodi u proceduri precizi sabiex il-membri tas-socjeta' in kwistjoni jikkonkludu l-passi kollha mehtiega sabiex ikun jista' jigi ffinalizzat il-process ta' kancellament ta' l-isem tas-socjeta' minn fuq ir-Registru. B'hekk ir-Registratur tas-Socjetajiet fil-funzjoni pubblika tieghu ikun jista' jipprocedi ghat-thassir definittiv ta' l-isem tas-socjeta' in kwistjoni sabiex tigi assikurata certezza dwar l-istatus tas-socjeta' in kwistjoni fl-interess ta' terzi illi r-Registratur huwa marbut li jhares.

Illi r-Registratur tas-Socjetajiet m'ghandux jinzamm responsabbli ghall-ebda spejjez gudizzjarji konnessi ma' dan Il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lir-rikorrent bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fir-rikors ir-rikorrent qed jitlob li dina l-Qorti tiddikjara li s-socjeta' kollettiva Pisani Brothers kienet propretarja ta' diversi propretajiet immobbli u li l-istralc ta' dina s-socjeta' huwa vvizzjat billi thallew barra mir-rizoluzzjoni straordinarja l-assi immobbiljari (Dok SP11 fol 103) u debiti socjetarji, b'mod li l-istralc huwa inkomplet u ghandu jerga jinfetah mill-gdid  sabiex jigi debitament kompletat u ghalhekk il-Qorti ghandha taghti dawn il-provvedimenti biex l-attur ikun jista' jikkompleta l-likwidazzjoni ta' l-assi socjetarji li thallew barra u ma gewx likwidati skond il-ligi, u li tordna lir-Registratur biex jilqa' r-rizoluzzjoni straordinarja gdida li biha jigi approvat ir-rendikont u l-progett ta' tqassim gdid.

Ir-rikorrent ghamel dawn il-proceduri limitatament sabiex jigi mhallas id-dejn dovut lill Bank of Valletta u tigi trasferita l-proprjeta' immobbili indikata fir-rikors favur ir-rikorrent li hu l-uniku socju f'din is-socjeta'.

Ir-Registatur tas-socjetajiet, apparti li oggezzjona b'mod generali fir-risposta tieghu, zied jghid li l-artikolu 300B ma japplikax fil-kaz in ezami billi s-socjeta' Pisani Bros hija socjeta' f'isem kollettiv mentri dan l-artikolu japplika biss ghal socjetajiet b'responsabilita' limitata. Ighid ukoll pero' li f'dan il-kaz hu mhux qed jikkontesta l-possibilita' illi jerga jinfetah mill-gdid il-process li wassal ghal istralc tas-socjeta' basta li dan ir-rimedju ikun wiehed intiz biss biex jinbieghu il-proprjetajiet immobilljari in kwistjoni li baqghu registrati fuq is-socjeta' Pisani Bros u biex jigi mhallas id-

dejn favur il-Bank of Valletta u dana jrid isir f'perjodu li ghandu jigi stabbilit.

Ir-rikorrent jaqbel li t-talba tieghu tigi limitata biex jigi mhallas id-dejn dovut lill Bank of Valletta u tigi trasferita' l-proprjeta' immobbli ndikata fir-rikors favurhu u talab zmien sitt xhur biex jaghmel dana.

Kwantu ghal-posizzjoni legali kif kienet qabel dahlu in vigore l-artikoli 300A u 300B tal-Kap 386 fil-kawza "Abela noe et vs Cachia et", P.A deciza fl-20 ta' Marzu, 2003, il-Qorti kienet ezaminat il-posizzjoni li hadu l-Qrati taghna u kkonfermat li f'certi cirkostanzi specjali kumpanija tista' terga' titqieghed fuq ir-registru tal-kumpaniji avolja tkun giet imhassra. (Ara wkoll sentenzi "Mayflower Co. Ltd et vs Registratur tas-Socjetajiet", deciza P.A. fit-22 ta' Jannar, 1999 u "Migdol Insurance Co. Ltd et vs Paul Mizzi noe" deciza P.A. fit-18 ta' Mejju, 2001 u Dr. L. Cassar Pullicino noe vs Reg.tas-Socjetajiet et deciza P.A. 24 ta' Jannar 2006).

Fit-2003 dahlu l-emendi fil-ligi dwar il-kumpaniji Kap 386 li bihom issa hu permess li jsiru rettifiki ta' skema ta' distribuzzjoni Art. 300A u restituzzjoni ta' isem ta' kumpanija fuq ir-registru f'certi cirkostanzi u taht kondizzjonijiet specifici. Art 300B.

Illi l-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz hemm lok li t-talbiet tar-rikorrenti jigu milqugha billi l-procedura ghat-thassir tal-kumpanija Pisani Bros kien inkomplet.

## DECIZJONI

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi, b'mod eccezzjonali u straordinarju, fin-nuqqas ta' rimedju iehor, u bhala rimedju ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz in ezami;
Tilqa' t-talba tar-rikorrenti
Tordna li s-socjeta' Pisani Bros terga tiddahhal fir-Registru tal-Kumpanniji u dana fl-istadju ta' l-istralc sabiex jigi

mhallas id-dejn dovut lill Bank of Valletta u tigi trasferita l-propjeta’ immobbili indikata fir-rikors favur ir-rikorrent fi zmien sitt xhur u ghall-ebda skop iehor;
Sussegwentement l-isem tas-socjeta’ ghandu jerga jigi mhassar definittavament minn fuq ir-Registru tas-Socjetajiet, fit terminu mproprogabbili li gie impost.
Ir-rikorrenti ghandu jinforma lir-Registratur bit-trasferiment tal-proprjeta’ li tkun saret u l-hlas tad-dejn u jiehu dawk il-passi kollha sabiex jigi ffinalizzat il-process ta’ kancellament ta’ l-isem tas-socjeta’ minn fuq ir-Registru.
L-ispejjez ta’ dina d-decizjoni huma a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------